**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 13** **Nhar It- Tlieta 1 ta ' Lulju, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:00pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti – Sindku**
- **Ralph Mangion – Viċi Sindku**
- **Joyce Bray – Kunsilliera**
- **Ryan Sciberras – Kunsillier**
- **Tania Borg – Kunsilliera**
- **Martin Vella – Kunsillier**

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Conrad Borg Manche – Kunsillier**
- **Jessica Borg – Kunsilliera**
- **Aaron Caruana – Kunsillier**

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy** Farrugia **– Segretarju Eżekuttiv ASSENTI**

### 13.1 – Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji

13.1.1 Il-laqgħa nfetħet bit-talba tas-Sindku, Sur Neville Chetcuti.
13.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li waslet apoloġija mingħand il-Kunsillier Conrad Borg Manche.

---

### 13.2 – Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

13.2.1 Il-minuti tal-Laqgħa Numru 12 tqassmu u ttieħdu bħala moqrija.
13.2.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, sekondata mill-Kunsillier Ryan Scibberas, il-minuti ġew approvati.

---

### 13.3 – Korrespondenza mis-Sindku

#### 13.3.1 – Notebook Centre

Is-Sindku rċieva talba biex tiġi rinnovata l-iskema mal-Notebook Centre. Huwa esprima l-qbil tiegħu mal-kunċett iżda xtaq li jiġu miżjuda xi punti.
L-ewwel ftehim jipprovdi dawn is-servizzi mingħajr ħlas lir-residenti kollha ta’ Gżira, fuq il-preżentazzjoni ta’ voucher uffiċjali tal-Kunsill jew karta tal-identità:

1. Formatting
2. Servizz ġenerali
3. Tindif fiżiku
4. Installazzjoni ta’ antivirus
5. Tneħħija ta’ viruses
6. Back-up

Is-servizzi ser isiru fil-Notebook Centre, Triq Bella Vista, San Ġwann, għal perjodu ta’ 12-il xahar. Il-ħlas lill-Notebook Centre se jkun €5,000 + VAT.

Punti miżjuda:

- Il-Notebook Centre se jħallas għall-istampar u t-tqassim ta’ flyer f’kull dar fil-Gżira.
- Se jipprovdi rigali għal attivitajiet organizzati mill-Kunsill matul is-sena.

- Se jżomm rekords tar-residenti li jużaw is-servizz, inkluż l-għadd ta' nies li jippreżentaw ID card jew flyer.
- Skonti offruti lir-residenti ta' Gżira:
    1. 5% fuq laptops u PCs
    2. 10% fuq tablets, printers, DJ equipment, eċċ.
    3. 25% fuq aċċessorji

**Il-Kunsill qabel unanimament li jiġġedded il-kuntratt.**

**13.3.2 – Social Climate Fund**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li attenda laqgħa dwar skema ġdida: transport bla ħlas għal anzjani permezz ta' karozzi elettriċi. Is-servizzi ser ikopru żoni bħall-isptar, djar tal-anzjani, San Vinċenz, polyclinics u banek. Il-vetturi se jkunu pprovduti b'sewwieqa u se jitwaqqfu wkoll charging pillars. Is-servizz jibda mis-sena d-dieħla.

**13.3.3 – Talba għal Tabella**

Waslet talba biex titpoġġa tabella fi Triq Nazju Ellul, ħdejn Vivianne Home, biex jipprevjenu vetturi tqal milli jgħaddu minn hemm.

---

**13.4 – Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

13.4.1 Ilment biex titwaħħal tabella *"No Electric Scooters / Bikes"* fuq il-Promenade tax-Xatt.
13.4.2 Il-Kunsill se jivverifika jekk is-slielem fix-Xatt humiex kollha mwaħħla sew.

13.4.3 Il-Viċi Sindku informa li rċieva diversi ilmenti mir-residenti rigward sleeping police fit Triq Victory ma Manoel De Vilhena.

---

**13.5 – Risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri (2024)**

13.5.1 L-Accountant tal-Kunsill, Sur Daniel Galea, ippreżenta d-dokumentazzjoni (Dok. 01). Is-Sindku Neville Chetcuti ippropona l-approvazzjoni.
13.5.2 Il-Kunsill approva unanimament.

**Rapport Annwali Amministrattiv (2024)**

13.5.3 Sur Galea ppreżenta r-Rapport Annwali (Dok. 2).
13.5.4 Wara l-preżentazzjoni u mingħajr mistoqsijiet, is-Sindku ippropona l-approvazzjoni.
13.5.5 Il-Kunsill approva unanimament.

---

### 13.6 – Mozzjoni: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza għall-Iżvilupp (Carrying Capacity)

Il-Kunsillier Aaron Caruana ressaq mozzjoni li ġiet ippreżentata mill-Kunsilliera Joyce Bray f'nuqqas tiegħu.
Il-votazzjoni kienet kif ġej:

- **Favur:** Joyce Bray
- **Kontra:** Neville Chetcuti, Ralph Mangion, Ryan Sciberras, Tania Borg, Martin Vella

**Riżultat:** 1 favur, 5 kontra – Il-mozzjoni ġiet miċħuda.

---

### 13.7 – Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 12/9 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Joyce Bray, sekondata mill-Kunsillier Martin Vella.

---

### 13.8 – Tmiem il-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 PM.
Is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2025, fid-4:00 PM.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |